MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru. 50/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur illum Supretendent Antonello Grech)**

**-vs-**

**JOSEPH SALIBA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH SALIBA** ta' sitta w ghoxrin (26) sena, bin Carmel u Lucia nee' Portelli, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar il-hdax (11) ta' Mejju, 1978 u residenti Saint Joseph, Triq Sir Luici Camilleri, Victoria, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12578 (G) gie mressaq quddiemha akkuzat :

Talli fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 2002, fis-sighat bikrin ta' filghodu, f'Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBH 087 ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Daniela Mercieca u ta' Lauren Rose Portelli.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, biex f'kaz ta' htija tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha (4) t'April, 2005 (fol. 6) esibit bhala Dok. CSH sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-hamsa (5) t'April, 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 9 tal-atti).

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-hamsa t'April, 2005 xehed **Dr. Michael Portelli** (a fol. 11 et seq.) fejn qal li hu kien ezamina lil Daniela Mercieca fl-Isptar Generali t'Ghawdex nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 2002 wara li din kienet involuta f'incident awtomobilistiku. Qal li l-pazjenta kienet iddahhlet l-isptar hazin hafna, fis-sens li din kellha *'Glaco Coma Scale 4'*. Barra minn dan qal li hija lanqas ma kienet qeghda tirreagixxi la ghall-*Painful Stimulator*, la ghall-*Visual Stimulator* u lanqas ghall-*Verbal Stimulator*. Kompla jispjega li l-imputata kellha griehi fuq rasha li kienu vizibbli, konsistenti fi brix kif ukoll *'lacero contuse wound'*, kellha gerha fuq spallejha tal-lemin li kienet *'abrasive' kif* wkoll gerha fuq saqajha tal-lemin konsistenti f'*'lacero contuse wound'*.

Spjega wkoll li meta ddahhlet l-isptar sarulha X-Rays u li l-*pupils* t'ghajnejha kienu *'unreactive to light'*, specjalment dik tan-naha tax-xellug. Mill-X-Rays li ttiehdulha rrizulta li kellha *'fracture'* tar-*'right humural', 'compund fracture'* tar-*'right femur'* u kienet ukoll fil-periklu imminenti li titlef hajjitha. Ghalhekk kellha tigi trasferita lejn l-Isptar San Luqa ghal aktar kura intensiva.

Iddeskriva l-feriti li kellha l-imputata bhala ta' natura gravi . Illi fil-hamsa t'April, 2005 xehed ukoll **l-allura Ispettur Antonello Grech** (a fol. 13 et seq.) li qal li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2002 fis-sighat bikrin ta' filghodu kien gie nfurmat illi kien sehh incident awtomobilistiku gewwa n-Nadur u partikolarment fit-Triq ta' Xhajma, hdejn il-Korsa taz-Zwiemel,li taghti ghan-Nadur. F'dan l-incident kienu nvoluti tliet (3) persuni li kienu korrew u ttiehdu l-isptar ghall-kura. Zied li sussegwentement kien mar l-isptar u sab li l-imputata Daniela Mercieca, li gharaf prezenti fl-Awla,li kienet fil-periklu li titlef hajjitha. Joseph Saliba, persuna ohra li kien involut fl-incident, li wkoll gharfu prezenti fl-Awla, wkoll kien mitluf minn sensih u wkoll kellu griehi gravi. Kien hemm ukoll Lauren Rose Portelli li wkoll kienet imwegga', pero' ma kinitx f'kundizzjoni gravi daqs l-ohrajn. Kompla jghid li Daniela Mercieca ttiehdet l-isptar ta' Malta permezz tal-helicopter, u li sa fejn jaf hu Joseph Saliba wkoll kien hekk trasferit.

Wara mar fuq il-post tal-incident u rrizultalu li Joseph Saliba kien qed isuq trakk u kellu mieghu bhala passiggiera lil Lauren Rose Portelli, u li Daniela Mercieca kienet wahedha fil-karozza taghha. Irrizultalu inoltre li Joseph Saliba kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat lejn in-Nadur filwaqt li Mercieca kienet gejja min-Nadur fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, li kien hemm *'head on collision'* li sehhet ghal nofs it-triq. Qal li l-vetturi spiccaw it-tnejn *'total loss'*. Ghalhekk huwa kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa bl-incident u kienet infethet Inkjesta Magisterjali.

Fl-istess seduta tal-hamsa (5) t'April, 2005 xehed ukoll **P.S. Mario Cassar** (a fol. 15) li qal li kull ma kellu

x'jipprezenta kien rapport dwar l-incident mertu al-kawza, pero' spjega li verzjoni tan-nies involuti ma setghetx tittiehed peress li dawn kienu kollha feruti gravement u kellhom jittiehdu ghall-kura fl-isptar ta' Malta, fejn damu ghal kura ghal zmien twil. Ir-rapport li esebixxa gie mmarkat bhala Dok. PS.

Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, 2005 xehdet **Dr. Ethel Felice** (a fol. 118 et seq.) li ddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' Konsulent tal-Psikjatrija. Qalet li l-ewwel kuntatt li kellha ma' Daniela Mercieca kien f'Marzu tas-sena 2003. Qalet li dakinhar din kienet eccitata hafna u kienet ukoll bla sabar kif ukoll impulsiva. Kompliet li minhabba l-problemi li kellha bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li din kellha ma setghetx tikkomunika maghha, u ghalhekk kienet kitbitilha l-kura bil-ghan li tikkalmaha. Spjegat li din is-sitwazzjoni, cioe' l-agitazzjoni li kellha, kienet gejja minhabba l-head injury li sofriet fl-incident. Ziedet li ghalkemm bditilha l-kura, hija xorta baqghet bla sabar, u sal-ahhar ta' Marzu sar progress zghir. Qalet li f'dak iz-zmien Daniela Mercieca kienet 'In patient' fl-Isptar Generali t'Ghawdex fid-Dipartiment Generali, u naturalment il-kura generali ma kinitx taht idejha. Hija kienet regghet ratha f'Mejju u f'Gunju tal-2003, dejjem bhala *Out Patient* u minn hemm 'il quddiem bdiet taraha b'mod regolari l-*Out Patient*, u dan peress li kienet hafna bla sabar, kienet tibki, tinsa, u kellha problema kbira biex tesprimi ruhha. Barra minn hekk hija kienet imdejqa hafna. Imbaghad kienet ratha fit-23 ta' Gunju u minn hemm baqghet taraha darba fix-xahar.

Ix-xhud ziedet tghid li Daniela Mercieca kienet ghaddejja wkoll bi Speech Therapy u bil-Physiotherapy minhabba li ma setghetx timxi u kienet gol-wheel chair. Peress li kienet qed tbati minn flashbacks tal-incident, baqghet imdejqa, irritabbli, tibki ta' spiss, u baqghet thewden hafna fuq dak li kien gralha. Qalet li kienet ratha wkoll f'Dicembru wara li kienet ghadha kif giet operata ghal xi ksur li kellha u regghet kienet imdejqa hafna. Minhabba l-preokkupazzjoni li kellha minhabba dak li kien gralha, Daniela Mercieca ma setghetx tokkupa ruhha f'dawk l-affarijiet li kienet thobb taghmel qabel.

Sostniet li s'April tal-2004 Daniela Mercieca kienet ghadha rritabbli w impulsiva, ghalkemm ma baqghetx daqstant imdejqa, w naturalment hija baqghet taht il-kura medika fis-sens li tiehu l-'anti depressants', u hi kienet tnaqqsilha u zzidilha d-doza skond il-bzonn. Imbaghad ix-xhud ziedet li f'April 2004 Daniela Mercieca kienet dahlet ghandha timxi, u meta ezaminatha ma sabithiex daqstant imdejqa, pero' xorta baqghet anzjuza. Hija kienet ezaminatha wkoll ghall-memorja u sabet li ma kienx hemm daqstant problemi la ghar-'Remote' u lanqas ghall-Vista.

It-Tabiba kompliet tghid li bhala effett tal-incident Daniela Mercieca baqghet tbati minn irritabilita' u mpulsivita' tant li llum il-gurnata dawn jifformaw parti minn tibdiliet li saru fil-personalita' taghha, peress li hija llum ghandha wkoll disabilita' fizika u l-effett socjali ta' din ma jghinx u 'occupational' mhijiex hundred percent (100%) kif kienet qabel. Qalet li l-ahhar darba li ratha kien f'April tal-2005 u regghet sabitha mdejqa. Qalet ukoll li l-*mood* taghha mhijiex wahda stabbli ghal kollox. Sostniet li l-istat taghha hu dak li hu minhabba l-incident li kienet involuta fih.

Imbaghad irreferiet ghall-History File u qalet li f'Settembru tal-2003 waqt li kienet qed titkellem ma' Daniela Mercieca dwar l-incident, din kienet qaltilha li hija kienet go karozza wieqfa u xi hadd dahal go fiha. Ziedet li mill-file ma jirrizultax li Daniela Mercieca kellha xi 'Psychiatric Treatment' qabel. Qalet li klinikament hija tara progress f'Daniela u li l-memorja taghha klinikament marret dejjem ghall-ahjar.

Illi fl-erbgha (4) t'Awissu, 2005 xehed **il-Perit Guido Vella** (a fol. 123) fejn qal li huwa kien gie nominat bhala espert tekniku fl-atti tal-inkjesta dwar l-incident in kwistjoni b'digriet tal-Magistrat Inkwirenti Dott. Antonio Micallaef Trigona tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 2005. Spjega li huwa kien acceda fuq il-post in kwistjoni u li kien irrediga rapport dwar l-istess incident awtomobilistiku li kien sehh fit-23 ta' Novembru 2002 fi Triq ta' Xhajma, Xewkija, Ghawdex. Gharaf ir-relazzjoni tieghu li giet esebita fl-atti

u filwaqt li kkonferma l-kontenut taghha, zied li m'ghandu xejn x'ibiddel fil-konkluzjonijiet tieghu hemm imsemmija.

Meta xehed in kontro-ezami gie muri r-ritratt esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok. X. Huwa gie mistoqsi jekk f'dan ir-ritratt huwa uriex it-tielet 'brake mark' li hija parallela mas-sett ta' 'brake marks', wiegeb li din hija angolata u fil-pjanta ma wriehomx, u zied li ma jafx x'inhi r-raguni ghaliex ma nizzilhomx fir-relazzjoni tieghu. Qal li huwa nizzel biss dak li ndikalu l-perit taghhom u li fil-fehma tieghu kellu x'jaqsam mal-incident in kwistjoni. Zied li l-marki li ra minn rajh ma nizzilhomx. Imbaghad zied pero' li jidhirlu li dik il-marka ma kienx raha ghaliex kieku kien jindikaha, u li kien jidhirlu li kien indika kull ma kien hemm. Ikkonferma li t-triq kienet maghluqa.

Ta' importanza fir-relazzjoni tieghu a fol. 61 tal-atti l-perit ighid li quddiem il-vettura tal-imputat kien hemm in-number plate tal-vettura tal-parte Civili u jikkonferma ukoll li l-vettura taghha Opel kienet fuq il-karreggjata ta' Joseph Saliba bi kwantita' ta' zejt u fuel imxerred mal-art.

L-espert tekniku nominat fl-inkjesta mill-Magistrat Inwkirenti **Joseph Zammit** ma xehdx f'dawn il-proceduri ghalkem ien kkonferma ir-relazzjoni tiegu quddiem il-Magistrat tal-ghassa u r-relazzjoni tieghu tifforma parti mill-process verbal redatt mill-Magistrat. Din ir-relazzjoni tinsab inserita fl-atti a fol.46 et seq. F'din ir-relazzjoni l-espert ighid li kien sab brake marks gejjin mid-direzzjoni tal-Opel sa minn distanza ta xi mitt pied qabel fejn spiccat l-vettura mahbuta. Ikkonferma ukoll dak li qal il-Perit Vella fis-sens li kien hemm in-number plate tal-vettura Opel mghawga quddiem il-bumper tal-vettura tal-imputat.

Fil-fehma tieghu l-vettura ta l-parte civili kienet qed tinstaq ghan-nizla minn Nadur u fil-kurva tidher li tilfet il-kontroll applikat il-brakes li hallew improtni ta madwar mitt pied li dawn ukoll jinsabu jigbdu ghan-naha tal-lemin fuq il-continious white lines minn fejn in-naha l-ohra kien hemm l-imputat isuq bit-Toyota tieghu.

Illi fl-erbgha (4) t'Awissu, 2005 xehed ukoll **Dr. Joseph Grech** (a fol. 124) li kkonferma li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona bid-digriet tieghu tat-23 ta' Novembru 2002, rigward incident awtomobilistiku li sehh fi Triq ta' Xhajma, limiti tan-Nadur, Ghawdex, fejn kienu sfaw feruti Lauren Portelli, Joseph Saliba u Daniela Mercieca. Filwaqt li gharaf ir-relazzjoni tieghu esebita f'dawn l-atti, kkonferma l-kontenut taghha u qal li m'ghandux x'ibiddel mill-konkluzjonijiet hemm kontenuti. Huwa kkonkluda li f'dan l-incident kemm l-imputat kif ukoll il-parte civili kienu qed isuqu b'velocita eccessiva pero ma ighidx kif wasal ghal din il-konlkuzjoni. Jghid ukoll li l-parte civili li kienet qed isuq Opel Corsa spiccat fuq il-karreggjata tal-imputat u fil-fehma tieghu kien proprju f'dan il-mument li sar l-impatt.

Jinghad li x-xhud Lauren Portelli li setghet kienet l-unika xhud okulari apparti l-imputat u l-parte civili, u li kienet rikba mal-imputat xehdet quddiem Dr Joseph Grech u ma qalet xejn dwar id-dinamika tal-incident ghaliex ma ftakret xejn salv li telghet fuq helicopter lejn l-isptar Malta. Ftakret fejn kienet qabel l-incident pero dwar kif sehh l-incidnt ma tghid xejn.

Illi sussegwentement nhar l-erbgha (4) t'Awissu, 2005 xehed **Max Xuereb** (a fol. 125) li kkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dott. Antonio Micallef Trigona fit-23 ta' Novembru 2002, rigward l-incident awtomobilistiku li kien sehh fi Triq ta' Xhajma , limiti tan-Nadur. Qal li hu kien acceda fuq il-post in kwistjoni u ha numru ta' ritratti, liema ritratt gew esebiti u nseriti a fol. 34 ta' dawn l-atti. Ikkonferma li dawn ir-ritratti ittiehdu minnu u li hu kien esebihom quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2003.

In kontro-ezami saritlu referenza ghar-ritratt li jinsab immarkat bl-ittra X u spjega li f'dan ir-ritratt jidhru zewg settijiet ta' 'brake marks' fuq l-istess karreggjata fuq in-naha tax-xellug.

Meta mbaghad rega' xehed nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2005 (a fol. 132) esebixxa sett ta' tmienja u

tletin (38) ritratt li hu kien ha in konnessjoni ma' dan l-incident awtomobilistiku li sehh fit-triq maghrufa bhala Ta' Xhajma. Dawn gew immarkati bhala Dok. CSH. Ikkonferma li dawn huma l-istess ritratti murija fil-process u mmarkati bhala Dok. X.

Fl-erbgha (4) t'Awissu, 2005 rega' xehed **Dr. Joseph Grech** (a fol. 129) li filwaqt li gie muri ritratt esebit mid-difiza seduta stante u mmarkat mill-Qorti bhala Dok. Y, ikkonferma li t-tyre tal-vettura li kien qed isuq l-imputat Joseph Saliba kif mifqugh u r-rim kien mghaffeg kif jidher fir-ritratt. Fil-fehma tieghu t-tyre nizel minhabba l-habta u r-rim tghawweg kif indikat. Gie muri wkoll ir-ritratt Dok. X u kkonferma li f'dan ir-ritratt jidhru tliet (3) sinjali. Qal li par huma paralleli u sinjal iehor li huwa angolat. Ikkonferma li dawn il-marki kienu hemm dakinhar li sar l-access u fil-fatt fil-prezenza tieghu l-espert tekniku kien ghamel xi osservazzjonijiet dwarhom u ha wkoll xi kejl. Qal li l-espert tekniku kien ra jekk il-wisgha tat-tyres murija f'dan ir-ritratt jirrispekkjawx dawk tal-vettura. Ikkonferma li t-tielet marka kif indikata f'dan ir-ritratt ukoll kienet tidher dakinhar.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2005 xehed **Mario Borg** (a fol. 137) li ftakar li xi zmien ilu waqt li kien qieghed gol-ghalqa tieghu maghrufa bhala Ta' Xhajma, kien mar fuqu s-Surgent Mario Cassar biex ikellmu fuq l-incident. Kien saqsieh jekk effettivament kienx ra l-incident isehh, izda huwa wiegbu li dak il-hin kien rieqed u ma rahx. Imbaghad rega' saqsieh jekk kienx ra lil xi hadd minnhom isuq, u hu fehmu li ried isaqsih jekk rax lil xi hadd minnhom isuq b'velocita' eccessiva, izda hu rega' tenna li kien rieqed u ma ra xejn.

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2005 xehed ukoll **Salvu Mercieca** (a fol. 138) li filwaqt li ddikjara li jigi z-ziju ta' Daniela Mercieca, ftakar li dakinhar tal-incident kien mar id-dar u sab lil ommu tibki u qaltlu bl-incident. Ghalhekk dehrlu li kellu jmur fuq il-post, u fil-fatt wasal hemm ghal xi d-disgha u kwart (9.15a.m.) jew id-disgha u nofs ta' filghodu (9.30a.m.). Qal li dak il-hin il-karozza ta' Daniela ga kienet tnehhiet minn fuq il-post izda. Zied illi

fuq il-linja tal-karreggjata li allegatament kienet fiha Daniela, kien hemm xi zjut. Kien hemm ukoll trakk imwahhal go sigra.

In kontro-ezami qal li jaf illi t-triq in kwistjoni fin-nofs taqleb lejn il-genb. Gie muri d-Dok CSH u b'mod partikolari r-ritratt immarkat bl-ittra 'O' u dak bl-ittra 'P', u stqarr li ma kienx cert jekk iz-zejt kienx kif jidher f'dawn ir-ritratti, pero' jista' jkun li dakinhar iz-zejt kien bhal ma jidher fir-ritratt 'P'.

Illi fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Mejju, 2006 deher **Mr. Ivan Esposito** fejn qal illli peress li tressaq il-Qorti b'mandat t'arrest ma kellux cans jara l-file u allura kien se jixhed mill-memorja. Ftakar li f'xi zmien kellu bhala pazjenta lil certu Daniela Mercieca, u dan kien f'Novembru tal-2002. Qal li dakinhar li din kienet iddahhlet l-isptar huwa kien il-Konsulent tal-Ghassa fid-Dipartiment tat-Traumatologija. Kompla jghid li allegatament Daniela Mercieca kienet involuta f'incident awtomobilistiku gewwa Ghawdex u giet trasferita Malta biex tkompli bil-kura hemmhekk peress li kellha 'head injury' u kienet f'kondizzjoni gravi. Qal li mill-aspett ta' Ortopedija hija kellha ksur f'riglejha, fl-ghadma tal-koxxa tal-lemin fuq il-parti t'isfel u anke fuq il-qasba tas-sieq tal-lemin, li kienu gradati 'Stage 3', li fl-Ortopedija jfisser li huma 'open fracture' ta' certu kobor. Sostna li hu ma kienx involut fil-kura tal-feriti li kellha go rasha. Ftakar li l-pazjenta kienet iddahhlet l-Isptar San Luqa mitlufa minn sensiha u allura mill-ewwel iddahhlet go l-ITU.

Qal li l-pazjenta fil-fatt damet xhur taht il-kura tieghu u wara dam aktar minn sena jsegwiha bhala Out Patient. Zied li ghalkemm ma kienx ra l-file tal-pazjenta ricentement, ftakar pero' li jaf li ma kellhiex korrimenti f'riglejha tal-lemin qabel l-incident. Ftakar inoltre li waqt li kienet gewwa l-ITU kien ikkuralha saqajha biex ma tibqax tperper fl-arja kif kienet u sussegwentement kien operaha biex jaghmlilha 're-construction' tal-ksur. Imbaghad peress li dehrlu li saqajha ma kinitx qeghda tiddrittaha bizzejjed, kien rega operaha u cioe' ghamlilha 'Quadriceps Plastic', biex tkun f'posizzjoni li ccaqlaq riglejha ahjar. Mistoqsi jekk jafx jghid jekk id-daqqa li

rceviet kinitx wahda frontali jew laterali, stqarr li huwa Orthopaedic Surgeon u mhux f'posizzjoni li jaghti opinjoni bhal din.

Seduta stante, d-difiza, in vista tax-xhieda moghtija mill-Konsulent Ortopediku Mr. Ivan Esposito, talbet li jkun nominat espert forensiku sabiex jigi stabbilit jekk id-daqqa li qalghet Daniela Mercieca kinitx wahda frontali jew laterli. Ghaldaqstant il-Qorti nnominat lil Dr. Andrew Borg sabiex jaghmel dan l-ezami u taghtu kull fakolta' sabiex jara l-History File relattiv tal-pazjenta, nkluz l-X-Rays mizmuma fl-Isptar San Luqa.

Illi inoltre fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) t'Awissu 2006 xehed **Dr. Andrew Borg** (a fol. 149a et seq.) li qal li hu kien kellem lil Daniela Mercieca mhux fil-prezenza ta' Joseph Saliba, u li din spjegatlu kif fil-fehma taghha kien sehh l-incident. Ma qabilx ma' dak suggerit lilu li d-daqqa ghalkemm frontali kienet tiela' min-naha tax-xellug lejn il-lemin. Spjega li mill-ezami mediku li hu ghamel fuq il-pazjenta, cioe' billi ra l-feriti taghha, l-X Rays u l-History File , ghalkemm id-daqqa kienet frontali, kienet l-aktar lejn in-naha taghha tal-lemin tal-vettura u cioe' fejn kien hemm is-sewwieq u sussegwentement bid-daqqa l-karozza daret lejn ix-xellug taghha. Cahad dak suggerit lilu li l-karozza daret 'to the right'. Qal li l-akbar ferita li kienet wahda frontali f'sieq Mercieca, u spjega li ladarba l-ghadam tkisser bid-daqqa frontali kien hemm mekkanizmi differenzi. F'dan il-kaz il-parti l-kbira tal-hsara saret frontalment.

Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) t'Awissu, 2006 xehed ukoll **Carmel Galea** (a fol. 166) fejn qal li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2002 ibnu li kien fix-showroom taghhom qallu li kien ghadu kif sehh incident kbir, u peress li hu (x-xhud) huwa nvolut fl-Insurances mara jara x'seta' gara. Wara nduna li wahda mill-vetturi kienet ta' klijent tieghu u allura izjed ha nteress.

Mistoqsi x'ra fuq il-post, qal li ra trakk u zejt. Il-vettura ta' Daniela Mercieca kienet fuq il-karreggjata li sejra min-Nadur ghax-Xewkija fuq in-naha tax-xellug, fuq in-naha

taghha. Ra li l-karozza l-ohra kienet fuq il-karreggjata l-ohra, jigifieri fid-direzzjoni mir-Rabat sejra lejn in-Nadur imwahhla ma' sigra. Fuq il-karreggjata fejn kien hemm il-karozza ta' Daniela Mercieca qal li ra zkuk u trab, mentri fuq il-karreggjata l-ohra ma ra xejn minn dan. Sostna li t-trakk tal-persuna l-ohra kien imwahhal f'sigra fuq il-karreggjata tieghu. Gie muri ritratt li jinsab esebit f'dawn l-atti u kkonferma li dan hu ritratt ta' kif kienu l-vetturi meta hu wasal hemm. Dan ir-ritratt jinsab immarkat 'S'.

Gie muri wkoll ritratt 'W' u ccara li t-trab u z-zjut li semma rahom taht il-karozza ta' Daniela Mercieca u jidhru anke f'dan ir-ritratt. Mistoqsi inoltre jekk rax xi tyre mark wiegeb posittivament, u meta ra r-ritratt immarkat 'Q' qal li fih jidher tyre mark ghad-dritt pero' qal li dan kien 'il boghod minn fejn sehh l-incident u mhux veru li baqghu sejrin sa fejn spiccat il-vettura ta' Daniela Mercieca. Ikkonferma li t-triq in kwistjoni ghandha qlib ghall-gnub. Imbaghad gie muri ritratt 'P' pero' kkummenta li dan mhux l-istess tyre mark li rrefera ghalih qabel, inoltre rega' zied li fejn il-karozza ta' Daniela ma kienx hemm tyre mark u li t-triq kienet wita'. Meta saritlu referenza ghar-ritratt 'O' u partikolarment ghat-tyre mark li hemm f'nofs it-triq li jaghti ghall-bankina li hemm fil-genb ta' din il-karreggjata, spjega li dak mhux tyre mark izda marki tal-karozza li daret mal-incident. Imbaghad ra r-itratt immarkat bl-ittra 'Q' u kkonferma li qed jara linja bajda u anke indikaha lill-Avukat Dr. Vella. Qal li fid-Dok. 'O' ma jidhrux dawn il-linji u rega' rrepeta li "ghandu *line* 'il gewwa tas-side ta' Daniela."

Nhar it-tnax t'April, 2007 xehed **Mario Buttigieg** (a fol. 173) li nforma li hu kien gie nominat mill-Insurance Gasan & Mamo sabiex jaghmel *reconstruction* tal-incident in kwisjtoni. Qal li mill-investigazzjoni li huwa ghamel, ma qabilx ma' dak li kien qal il-Perit meta dan kien indika l-brake marks, u dan ghaliex fil-fatt ma kienux *brake marks* izda skid marks. Spjega li *skid marks* huma meta karozza titlef il-kontroll, filwaqt li *brake marks* huma meta s-sewwieq ikun qed jaghfas il-brake u jkun *in control*, u allura t-tyres ikunu gew illokkjati u effettivament it-

temperatura ta' bejn it-tyres u l-wicc tat-triq tant titla' li t-tyres jimmarkaw l-iswed mat-triq,

Irrizultalu li ftit metri 'l fuq minn fejn sehh l-incident, mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura ABH 486, hemm bendjatura w nizila kemmxejn wieqfa u kien hemmhekk li s-sewwieqa tilfet il-kontroll. Qal ukoll li ha l-*calculation* tar-radius ta' din il-bendjatura biex jistabilixxi sa liema velocita' sewwieq jista' jkollu kontroll tal-vettura tieghu. Skond hu jikkalkula li din ghandha tkun ta' mija w zewg mili fis-siegha. Sostna li f'dan il-kaz is-sewwieq ecceda dan l-ispeed limit, pero' peress li ma gewx indikati l-iskid marks fl-isketch, ma kienx f'posizzjoni li jistabilixxi l-velocita' taghha wkoll. Qal ukoll li fuq il-post huwa mar hafna zmien wara li kien sehh l-incident u kien gie mghoddi kopja tal-pjanta redatta mill-Perit, pero' hu jsostni li l-habta sehhet fuq in-naha l-ohra tat-triq fejn kienet it-Toyota Hilus DBH 087.

Iddikjara li huwa kien ghamel kors gewwa l-Ingilterra u huwa wkoll membru tal-Forensic Investigation tal-Ingilterra. Mistoqsi kif irnexxielu jorbot dawn il-marki mal-vettura DBH 087, wiegeb li hu kien ra r-ritratti tal-incident li ttiehdu a tempo vergine u spjega li kull *brake mark* t'incident iddum ghal ftit sieghat biss ghaliex minhabba t-traffiku jiddisintegraw. Kompla jispjega li fil-fatt l-*iskid marks* in kwistjoni bdew fuq in-naha l-ohra tat-triq, cioe' fuq id-direzzjoni ta' kontra minn fejn kienet niezla s-sewwieqa, baqghu ghaddejjin ghal fuq il-karreggjata taghha u spiccaw fuq il-karreggjata l-ohra, fejn sehh l-incident, u cioe' fit-triq minn fejn kienet ghaddejja l-vettura Toyota Hilux.

L-espert Mario Buttigieg rega' xehed in kontro-ezami nhar it-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2009 u filwaqt li rega' qal li hu ma kienx prezenti meta sar l-incident, stqarr li dak li qal dwar it-temp, u cioe' "the visibility was clear and the road was dry", kien hadu mit-traffic accident report tal-pulizija. Tenna li hu kien gie nominat f'dan l-icident zmien wara li sehh, u li dak iz-zmien kien qed jahdem ghal GasanMamo Insurance. Ikkonferma li l-imputat Joseph Saliba kien klijent ta' GasanMamo Insurance u kien

ghalhekk li huwa (x-xhud) kien baghat ghalih waqt li kien qed ihejji r-rapport tieghu.  Spjega li dan ir-rapport huwa wiehed ex parte, maghmul fuq talba tas-senior claims manager ta' GasanMamo Insurance, certu Reno Debattista.  Ghalhekk izid li hu ma sema' l-ebda xhieda ohra hlief dik tal-imputat odjern.  Zied pero' li seta' kellem ukoll lill-passiggiera li kien hemm mieghu, pero' ma kienx cert minhabba t-trapass taz-zmien.

Sostna li biex wasal ghal konkluzjonijiet tieghu huwa kien ha in konsiderazzjoni l-pjanta redatta mill-perit,  li tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta, u kien ha wkoll *road measurement*.  Kien ezamina wkoll il-Proces Verbal pero' qal li  ma jirrizultalux li kien hemm xi xhieda ta' tabib u lanqas li dakinhar tal-incident Joseph Saliba kellu livell gholi ta' alkolhol.  Semma li Joseph Saliba kien qallu li qabel l-incident kien ha chicken and chips u flixkun Coca.  Sostna li l-fatt jekk l-imputat jahdimx jew le m'ghandu x'jaqsam xejn mar-rizultati li wasal ghalihom fir-rapport tieghu, ghaliex hu hadem fuq id-dynamics tal-kaz.  Insista li hu ma kienx qed jahdem ghall-interessi tal-imputat Joseph Salbia izda ghall-interessi tas-socjeta' assikurattrici tieghu.

Mistoqsi xi tfisser il-kelma "striation mark" wiegeb li meta karozza tkun miexja la genba thalli speci ta' tyre marks, it-tarmac stess ikollu certi daqqiet li thalli l-istess karozza peress li din tkun miexja la genba u tkun qed timxi kontra t-tidwir tar-roti taghha u ghalhekk tkun qed taghti daqqiet fit-triq.  Zied jispjega li meta jkun hemm skid marks il-karozza tkun tista' titlaq minn quddiem kif ukoll minn wara – tibda sserrep, filwaqt li meta jkun striation marks, il-karozza tkun miexja la genba.  Ghalhekk skond hu l-vettura ABH 486 kienet miexja la genba u kien ghalhekk li halliet striation mark.  Stqarr li r-ritratt li ra kienu dawk li ghaddielu Joseph Saliba u ghalhekk ma jistax jghid jekk kienux esebiti fil-process.

Gie muri sett ritratti li jinsabu esebiti fl-atti ta' Daniela Mercieca a fol. 34 go envelope kannella u kkonferma li dawn huma l-istess ritratti li rah u, pero' mhux cert jekk kienx rahom kollha jew le.

Dwar kif ikkonkluda li t-Toyota kienet miexja bil-velocita' ta' hamsin mil fis-siegha jew tmenin kilometru fis-siegha, spjega li hu kien ra ritratt esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala MX34 fejn jidher speedometer li jidher wieqaf fuq hamsa w tmenin kilometru fis-siegha, u allura kompla jispjega li la dan huwa l-ispeed li jidher fir-ritratt ifisser li *'at impact'* il-vettura kienet miexja b'dak l-ispeed. .

Ghadda biex jikkonferma ghal darb'ohra dak li huwa jghid fir-rapport tieghu, u cioe' li fuq il-post tal-incident kien hemm biss *tyre marks*, izda zied li kienu erba' u mhux tnejn. Qal li fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident hemm liwja, pero' l-incident sar ftit aktar 'il fuq, fil-parti dritta u kkonferma li min ikun niezel in-nizla gej min-naha tan-Nadur, ikollu l-vista tieghu ostakolata u ma jkunx jista' jara min gej mill-kontra. Dan naturalment, qabel dak li jkun jaqbad il-parti dritta, ghax una volta t-triq tiddritta, jkun jista' jara mid-direzzjoni opposta. Qal li dan jista' jghidu ghaliex hu ha general view tal-area kif inhi.

Mistoqsi jekk it-tyre marks setghux gew minn incidenti ohra, wiegeb fin-negattiv, u dan ghaliex tyre marks jitilqu wara ftit sieghat minn fuq il-post minhabba t-traffiku. Kien cert li r-ritratt muri lilu mmarkat MX31 kien tat-Toyota, pero' ma setax jghid l-istess dwar ir-ritratt MX34. Stqarr li l-ispeed tal-vettura Opel, cioe' ta' mija w zewg mili, hu hargu minn fuq il-pjanta tal-perit fl-inkjesta u sussegwentement hadem il-kalkoli tieghu, u l-velocita' tat-Toyota minn ritratt muri bhala MX34. Imbaghad pero' qal li ma setax jeskludi li l-ispeedometer li jidher f'dan ir-ritratt huwa fil-fatt tal-Opel u mhux tat-Toyota. Rega' afferma li l-ispeed li kienet miexja bih it-Toyota kien ta' mija w zewg mili u li dan ikkalkulah minn fuq il-pjanta. Filwaqt li kkonferma li t-triq in kwistjoni hija wiesgha bizzejjed biex jghaddu tlett (3) karozzi qal li s-sewwieq kien tiela' lejn in-Nadur u s-sewwieqa fid-direzzjoni lejn ir-Rabat.

Gie muri wkoll ritratt MX20, pero' ma setax jikkonferma li z-zejt li jidher fih huwa tal-karozza li kienet thares lejn ir-Rabat. Ra wkoll ritratt MX12 u <u>kkonferma li z-zejt li jidher hemmhekk qieghed fil-karreggjata thares lejn ir-Rabat u li</u>

gej mill-vettura Opel. Spjega li dan iz-zejt huwa *post impact* u kien kollu fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Spjega wkoll li meta karozza tistrieh, u jkun infaqaghlha s-sump, iz-zejt jibda niezel u huwa ghalhekk li z-zejt qieghed taht il-karozza, u dan jirrizulta wkoll minn ezami tal-istess ritratt MX12 fejn id-debris huwa fuq il-karreggjata. Sostna li fuq il-pjanta tal-perit dan id-debris huwa ndikat ukoll.

Meta gie muri r-ritratt MX9, qal li fuq il-karreggjata tal-lemin hemm *body part*, u mix-xellug ghal-lemin hemm ukoll *tyre mark* barra *tyre marks* ohrajn li hemm fuq in-naha tax-xellug u qal li dawn saru wara li l-karozza daret. Filwaqt li kkonferma li z-zewg partijiet sofrew hsarat kbar, qal li ma rrizultalux li kien hemm xi karozza ohra nvoluta fl-incident.

Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2007 xehdet i**l-Parte Civile Daniela Mercieca** li ddikjarat li dakinhar tal-incident hija kienet id-dar u li ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30a.m.) kienet sejra x-Xewkija bil-karozza taghha. Ziedet li meta waslet hdejn Ta' Xhajma, u cioe' fil-parti fejn hemm il-wita, rat zewgt idwal fuq in-naha tal-karreggjata taghha u zewgt idwal fuq il-karreggjata l-ohra, imbaghad ma tafx x'gara aktar. Taf li z-zewgt idwal li kien hemm fin-naha tal-karreggjata tat-triq taghha baqghu dehlin fil-karozza taghha.

Stqarret li ftit qabel l-incident hija kienet ghand habib taghha gewwa n-Nadur, certu Jonathan, u li dan kien mar Ghawdex minn Malta minhabba fiha, izda ma kinitx taf tghid kemm kienet ilha tafu. Kompliet tghid li minkejja kienet qeghda n-Nadur, ma tafx x'jisimha t-triq fejn kienet, izda spjegat li qeghda l'isfel mill-pjazza. Ziedet li qabel kienet marret in-Nadur kienet qeghda l-Flamingo mal-hbieb ta' dan Jonathan, fejn damet sa xil-hdax ta' filghaxija (11.00p.m.). Hija qalet li hija tixrob biss soft drinks.

Mistoqsija kif saqet meta telqet min-Nadur biex tmur lejn Ta' Xhajma, wiegbet li saqet b'mod normali. Ghall-mistoqsija jekk kienx hemm nida, qalet li ma tafx u ziedet

li l-incident sehh appena daret il-liwja li hemm, rat id-dawl go wiccha u ma setghetx tkompli ssuq ghax malli kisret sabitu go wiccha u dahal go fiha.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ **Carmel Saliba**, moghtija minnu nhar l-ewwel ta’ Novembru 2007 (a fol. 205) fejn iddikjara li huwa jigi missier l-imputat odjern. Qal li llum huwa pensjonant pero’ qabel kien membru fil-korp tal-pulizija ghal hamsa w ghoxrin sena. Qal li meta sehh l-incident, ibnu kellu bzonn ikun trasferit Malta bil-helicopter peress li kellu *grevious injuries*. Qal ukoll li sussegwentement kien mar fuq il-post tal-incident ma’ huh Louis Saliba u sab it-triq maghluqa u t-trakk tat-tifel tieghu kien imwahhal go sigra fuq in-naha tax-xellug tieghu filwaqt li l-karozza l-bajda kienet f’nofs it-triq fuq il-karreggjata l-ohra, u l-brake marks kienu xi hames piedi boghod. Mal-art ra hafna zjut u brejkijiet li kienu gejjin min-naha tan-Nadur. Qal li dawn il-*brake marks* kienu qishom fit-tond u kienu jispiccaw fuq id-*double line* u mal-art kien hemm ukoll xi grif. Zied li peress li meta kien fil-pulizija kien imur hafna drabi mas-surgenti fuq incidenti, u allura xi daqsxejn tal-esperjenza ghandu, u skond hu l-habta dehret li sehhet xi metru ‘l boghod mis-sinjali li kien hemm mat-triq fuq in-naha tax-xellug, metru ‘l gewwa *mid-double line*. Ikkonferma li dakinhar is-Supretendent Antonello Grech kien urieh fejn sehh l-incident, u dak il-hin kienu prezenti wkoll pulizija iehor u huh.

In kontro-ezami x-xhud insista li f’ghajnejh il-*brake marks* kienu jidhru mbeghdin xi hames piedi u li mal-art kien hemm il-grif fejn sar l-*ispot of impact*. Jghid ukoll li ra fuq il-post hafna zejt, pero’ meta gie muri r-ritratt O, qal li z-zejt muri f’dan ir-ritratt huwa ma rahx ghaliex fuqu kien hemm karozza u allura ma kienx jidher. Imbaghad ra r-ritratt immarkat OO u kkummenta li l-linji bojod li jidhru hemm huma fil-fatt il-linji li jaqsmu t-triq. Dwar il-brake marks li semma qabel, qal li dawn huma dawk li jidhru fir-ritratt bl-ittri XX. Gie muri wkoll ir-ritratt YY u kkonferma li fih jidhru l-grif li semma fix-xhieda tieghu u li dan hu l-istess grif li kien indikalu s-Supretendent Antonello Grech. Qal li hu kien wasal fuq il-post xi siegha wara li kien sehh l-incident u l-grif rahom ghall-habta tas-sitta ta’ filghodu.

Qal li fil-fehma tieghu dan il-grif kien jidher frisk hafna, u kien hemm anke tarmac maqlugh li wkoll kien jidher frisk. Ikkonferma li t-triq in kwistjoni hija traffikuza u li tintuza wkoll miz-zwiemel, ghalkemm il-korsa taz-zwiemel qeghda qabilha.

Rat li nhar it-tnax ta’ Mejju, 2008, gie muri DVD li kien prezentat mill-imputat fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2007. L-avukat difensur tal-imputat iddikjara li dan id-DVD kien gie mehud ftit hin wara li sehh l-incident minn **Louis Saliba** li jigi z-ziju tal-imputat. Sussegwentement meta dan xehed nhar l-ewwel t’Awissu 2008, ikkonferma li kien hu li gibed il-filmat li jidher fuq id-DVD u li wara kien ghaddieh lill-imputat stess.

Fis-seduta ta’ nhar is-sittax ta’ Novembru 2009, il-Qorti rat li f’rikors tat-tnax ta’ Novembru 2009, il-Parte Civile Daniela Merieca, talbet li jinzamm access fuq il-post tal-incident u din it-talba giet milqugha.

Dan l-access fil-fatt inzamm nhar il-hmistax ta’ Jannar 2010, pero’ meta l-Qorti bidet tipprocedi biex tiehu konjizzjoni tal-akkwati fejn sehh l-incident minnufih inqala’ dizgwid kbir dwar il-lok fejn spiccaw mahbuta l-vetturi, w ghalhekk il-Qorti dehrilha li jkun ahjar jekk jinzamm access iehor fil-prezenza tal-Perit Guido Vella li kien prezenti ftit minuti wara l-incident, u dan sabiex jinterpreta l-pjanta tieghu fuq il-post.

Illi sussegwentement flimkien mal-imputat, il-parte civile, il-Pulizija Esekuttiva u l-avukati difensuri, sar access fuq il-post. Prezenti kien hemm ukoll il-Perit Guido Vella u l-fotografu Max Xuereb. Il-Qorti giet murija s-sigra li maghha kien imkahhal l-imputat. Rat li minn hemm ‘il quddiem it-triq kienet wita u li kien hemm vizibilita’ tajba. Rat li wkoll ftit ‘l boghod kien hemm speci ta’ kurva.

Nhar it-tlieta w ghoxrin t’April, 2010, il-Qorti ordnat lill-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat Joseph Saliba pprezentata nhar il-25 ta’ Gunju, 2010.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li waslu ghall-incident in kwistjoni huma is-segwenti:-

i. Daniela Mercieca kienet qed isuq vettura tal-ghamla Opel Astra numru ta’ registrazzjoni ABG 486 sejra fid-direzzjoni tar-Rabat waqt li l-imputat kien qed isuq il-vettura truck Toyota numru ta’ registrazzjoni DBH 287 sejjer fid-direzzjoni tan-Nadur.
ii. Jirrizulta minn dak stabbilit fl-okkorenza li t-temp kien qieghed tajjeb bla cpar u xita, u skond ir-rapport tal-perit tekniku Zammit it-triq kienet niexfa w xotta.
iii. It-triq fejn issucceda l-incident hija disabitata imma traffikuza u tinsab fl-inhawi maghrufa bhala Ta Xhajma li min-Nadur taghti ghar-Rabat.
iv. Fil-karreggjata tax-xellug int u niezel min-Nadur minn fejn kienet gejja Mercieca, xi 200 metru lura fejn kien hemm il-vetturi mahbuta, hemm kurva .
v. Iz-zewg vetturi kellhom hsara estensiva u z-zewg sewwieqa spiccaw feruti gravament.
vi. Illi fuq il-partijiet frontali taz-zewg vetturi kien hemm zebgha tal-vettura l-ohra, w ghalhekk fuq it-Toyota kien hemm iz-zebgha tal-Opel u vice versa. Ghalhekk id-daqqa zgur kienet wahda frontali.
vii. Illi l-feriti subiti minn Mercieca, skond Dr. Borg, ukoll kienu frontali.

Illi l-imputat ma xehedx, u dik li qalet Daniela Mecieca dwar l-incident kien *de minimis* u ghalhekk kollox hu kwistjoni ta’ *res ipsa loquitur*.

Illi rigward it-teorija ta’ l-hekk imsejha *‘res ipsa loquitur’* sollevata mid-difiza fin-nota taghha ghandu jinghad li din it-teorija taf l-origini taghha fil-kaz fl-ismijiet **<u>Cole vs De Trafford</u>** (1918 2 QB 523) fejn gie affermat is-segwenti:-

“*The doctrine of res ipsa loquitur means that an accident may by its nature be more consistent with its being caused by negligence for which the defendent is responsible than by other causes, and that in such the*

*mere fact of the accident is prima faccie evidence of such negligence. In such a case the burden of proof is on the defendent to explain and to show that it occurred without fault on his part*".

Illi din id-dottrina giet konfermata lokalment f'diversi decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fosthom:-

1. **Il-Pulizija vs George Vigo** datata 10 ta' Ottubru 1949.
2. **Il-Pulizija vs Nazzarenu Farrugia** datata 7 ta' Novembru 1949.
3. **Il-Pulizija vs Il-Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain** datata 13 ta' Jannar 1862.

Illi l-massima latina in desamina effettivament tfisser "*facts speak for themselves if no explanation is given by the defendent*" (**Law of Road Traffic Davies** page 199). Illi fil-volum "**Latin Words and Phrases for Lawyers" Law and Business Publications** (Canada) Inc. 1980 p. 214 jinghad li din il-massima hi applikabbli "... *to the laws of evidence, particularly in actions founded on the negligence of the defendent. Where the defendent had the exclusive control of anything which causes damage, and it is not possible for the plaintiff to show wherein lay the defendant's negligence, but the accident itself could not have happened except for some negligence on the part of the defendent or some other cause which the defendent is bound to explain, the plaintiff may invoke this doctrine to his aid. It is then for the defendent to show that the accident was not the result of his negligence but due to some other cause*." (ara wkoll **The law of Collisions on Land Andrew Webber Gibb** fifth edition p 10 et seq).

Illi kif isostni **Lord Simonds** fil-kawza fl-ismijiet **Woods vs Duncan** (1946) AC 401. "*This does not mean that he must prove how and why the accident happened, it is sufficient if he satisfies the court that he personally was not negligent*."

Illi b'kuntrast mas-suespost gie ritenut li "...*the doctrine of res ipsa loquitur has no place in criminal or quasi criminal proceedings, where the burden is totally on the state to prove beyond a reasonable doubt that defendent violated*

*a penal or quasi penal statute*" (**The Negligence Case Stuart M Speiser** Vol 1 p 16 1972 edition.)

Illi effettivament il-posizzjoni l-aktar konsona mar-realta' legali in deizamina hi dik postulata fil-kawza fl-ismijiet **Turner vs Mansfied Corporation** (1975) 119 Sol Jo 629 CA ".. *res ipsa loquitur was not a doctrine but a rule to the weight of evidence from which negligence could be inferred*". Illi din il-posizjoni legali tidher l-aktar wahda koretta fic-cirkostanzi stante li anke l-istess **Stuart M. Speiser** fil-ktieb tieghu precitat f'pagna 16 jghid hekk. "*Where the doctrine is properly involved in the action of the wrongful death, its effect is to sustain the plaintiff's burden of proof that the death was caused by the wrongful act of the defendent, in the absence of other evidence to counter balance it*." (**Scott vs Wingenberd** 26 Ohio NB).

Illi ghaldaqstant spjegazzjoni tal-incident li ma tkunx korroborata b'fatti riskontrabbli mill-istess atti tal-kumpilazzjoni, mhi spjegazzjoni xejn.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tara x'jirrizulta mill-provi u proprju mir-relazzjonijiet tal-esperti nominati fl-inkjesta, u dan ghaliex filwaqt li l-imputat baqa' sieket, kif ghandu kull dritt li jaghamel, il-parte civile ma tantx ftakret dwar id-dinamika tal-incident, salv li tghid li rat vettura gejja bil-fanali mixghula u baqghet diehla go fiha fuq il-karreggjata taghha.

Din it-tezi pero' ma ssibx konfort fil-provi migbura. Jirrizulta li ghalkemm verament id-daqqa kienet wahda frontali, din x'aktarx saret fuq il-karreggjata tal-imputat fejn instabet in-*number plate* tal-parte civile. Jirrizulta wkoll li fl-istess karreggjata fejn kien hemm il-vettura tal-parte civili kien hemm hafna zjut, li jfisser jew ahjar jimplika li mal-habta s-*sump* ittaqqab u z-zjut spiccaw mal-art. Jirrizulta wkoll minn dak li qal l-espert tekniku Joseph Zammit li qabel il-habta kien hemm *skid marks* tal-parte civile ghal distanza twila, li jindika ghalhekk li verament il-parte civile tilfet il-kontroll u waqfet mal-habta mal-imputat.

Dr. Joseph Grech jitkellem dwar *speed* tal-imputat qabel l-impatt. Il-Qorti ghalkemm thoss li dan l-espert ma kkwalifikax kif wasal ghal din il-konkluzjoni, pero' thoss li dan il-fattur m'ghandux ikollu effett fuq il-gudizzju taghha ghaliex zgur li ma kienx is-sewqan eccessiv tieghu li kien il-kagun tal-incident ghaliex kieku kienu jirrizultaw sinjali ohra fit-toroq.

Dwar din il-kwistjoni ta' sewqan ecessiv issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet il-**Pulizija vs Anthony Portelli** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 1962 meta inghad li " *Mhux bizzejjed pero' li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi izzejjed, imma jehtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed u s-sinistru kienx hemm innexus ta' kawza prossima u immedjata*." (ara ukoll il-**Pulizija vs Manwel Schembri** deciza per Imhallef Harding nhar l-20 ta' Novembru 1949.)

Huwa minnu pero' li l-espert Joseph Zammit jghid li kien hemm *skid marks* fit-tul tal-parte civile li jwasslu ghal post fejn sar l-impatt, u cioe' fuq il-karreggjata tal-imputat. Din il-Qorti hija propensa taqbel mal-avukat difensur tal-imputat, meta jghid fin-nota tieghu li kieku l-imputat kien miexi b'velocita' l-impatt ma kienx ser ikun wiehed bhal dan in desamina, izda hafna aghar. Ghalhekk il-probabilita' hi li kienet il-parte civile li kienet miexja bi *speed* eccessiv.

L-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, u cioe' li nvolontarjament minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Daniela Mercieca.

Illi hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza, derivanti minn atti ta' negligenza, mprudenza, mpwerizja u non osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65 – il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations –

bl-iskop li tigi evitata l-possibilita’ ta’ hsara w dannu lil terzi. Madankollu d-definizzjoni klassika tal-*colpa criminale* tibqa’ dik moghtija mill-**Carrara** Vol. 1 Parte Generali b’dan l-kliem:

“*La volontarieta ammissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibile del proprio fatto*” (para 8 pg 114).

Dan l-awtur ikompli jghid:

“*Il tripode sui quale si aside la colpa sara sempre questo:*
*a. Volontarieta dell’atto;*
*b. Mancato previsione dell-effetto nocivo;*
c. *Possibilta di prevedere*” (vide **il-Pulizija vs Leonard Grech** deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta’ Settembru 1990.)

Illi d-definizzjoni li ghandha tinghata lit-terminologija culpa huwa li l-element taghha huwa l-volontarjeta’ tal-att, in-nuqqas ta’ previsjoni tal-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma jkunux prevedibbli jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief b’diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix, u li semmai tista’ ggib *culpa levissima* li mhix inkriminabbli, ma hemmx htija.

Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna li “ *accident jista’ minnu innifsu jidher li x’aktarx gara minhabba htija ta’ xi persuna milli ghal kawza ohra. Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju fuq spjegat fit-tul ta res ipsa qoquitur jaqa’ fuq dik il-persuna il-piz biex juri f’dak li gara ma kellux htija.*” (ara **Pol vs Nazzareno Farrugia deciza** Vol. XXX111/968).

**Illi in konkluzjoni il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat m’ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar it-22 ta’ Novembru 2004, stante li dan sehh tort uniku tal-parte civile, w ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH SALIBA hati mill-akkuza u tilliberah minnha.**

Illi huwa sfortuna kbira li dan l-incident kellu jwassal ghal griehi daqstant kbar pero' din il-konsiderazzjoni m'ghandhiex tkun il-kejl li bih il-Qorti timxi sabiex tattribwixxi tort.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------